

MT

GWIDA TA' PRATTIKA
GĦALL-APPLIKAZZJONI
TAR-REGOLAMENT
DWAR L-ORDNI
EWROPEW
TA' INFURZAR

<http://ec.europa.eu/civiljustice/>



Network ġudizzjarju ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali

Daħla



L-individwi u l-azjendi għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fl-Istati Membri kollha irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom.

Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku huwa l-pedament tal-koperazzjoni għudizzjarja fil-kwistjonijiet ċivili fi ħdan l-Unjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ħoloq l-Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati. L-Ordni Ewropew ta' Infurzar jippermetti l-użu ta' sentenzi tal-qrati, tranżazzjonijiet għudizzjarji u atti pubbliċi madwar l-Istati Membri kollha. Jabolixxi l-proċedimenti intermedji («exequatur») fl-Istat Membru fejn isir l-infurzar.

B'din il-Gwida Prattika, il-Kummissjoni qed ttipprova tagħti gwida lill-partijiet, imħallfin u avukati. Nittama li se tkun ta' għajnnuna u li ttipprovi għarfien aħjar tar-Regolament 805/2004 filwaqt li tkun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini u kif ukoll għall-kumpanniji.

Dejjem tiegħek,

A handwritten signature in dark ink, appearing to read 'J. Barrot', with a long horizontal stroke extending to the right.

Il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea,

Jacques Barrot

Werrej

I. INTRODUZZJONI: PASSAPORT ĠUDIZZJARJU EWROPEW 6

1. X'inhw Ordni Ewropew ta' Infurzar? 7
2. Meta jkun meħtieġ Ordni Ewropew ta' Infurzar? 7
3. Mezzi alternattivi biex ikunu infurzati barra sentenzi, tranżazzjonijiet ġudizzjarji jew atti pubbliċi 7
4. Għal liema sentenzi, tranżazzjonijiet ġudizzjarji u atti pubbliċi jista' jinkiseb Ordni Ewropew ta' Infurzar? 8
 - 4.1. Applikazzjoni fi żmien reali 8
 - 4.2. Ambitu materjali ta' applikazzjoni 8
 - 4.3. Ambitu ġeografiku ta' applikazzjoni 8
 - 4.4. Il-mekkaniżmi differenti għal sentenzi, atti pubbliċi, u tranżazzjonijiet ġudizzjarji 8

II. ORDNI EWROPEW TA' INFURZAR GĦAL SENTENZI LI JKUNU GĦADHOM MA NGĦATAWX 12

1. F'liema każijiet jista' kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar 13
 - 1.1. Talba għal flus 13
 - 1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali 13
 - 1.3. Sentenza 13
 - 1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor 14
2. Rekwiżiti li għandhom jitħarsu waqt il-bidu tal-proċedimenti dwar il-merti 14
 - 2.1. Informazzjoni obbligatorja 14
 - 2.2. Notifika tad-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti u ta' kull taħrika għal smigħ ġudizzjarju 15
3. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar? 16
 - 3.1. Quddiem liema qorti 16
 - 3.2. Kif jinkiseb iċ-ċertifikat 16
 - 3.3. Meta jista' jintalab l-Ordni Ewropew ta' Infurzar 16
4. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni 16

4.1. Ambitu	17
4.2. It-talba baqgħet mhux kontestata	17
4.3. Is-sentenza tkun infurzabbli	17
4.4. Ġuriżdizzjoni	17
4.5. Kontrolli addizzjonali f'każ li d-debitur ma jkunx qabel espressament mat-talba	18
4.6. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar	19
5. Rimedji possibbli/difiżi għall-partijiet	19
5.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball	19
5.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar	20

III. L-ORDNI EWROPEW TA' INFURZAR GĦAL SENTENZI EŻISTENTI 24

1. F'liema każijiet jista' l-kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar?	25
1.1. Talba għal flus	25
1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali	25
1.3. Sentenza	25
1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor	26
2. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?	26
2.1. Quddiem liema qorti	26
2.2. Kif jista' wieħed jottjeni ċ-ċertifikat	26
2.3. Meta jista' jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar	26
3. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni	26
3.1. Ambitu	26
3.2. It-talba baqgħet mhux kontestata	27
3.3. Is-sentenza tkun infurzabbli	27
3.4. Ġuriżdizzjoni	27
3.5. Kontrolli addizzjonali f'każ li d-debitur ma jkunx qabel espressament mat-talba	28
3.6. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar	31
4. Rimedji possibbli/ difiżi għall-partijiet	31
4.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball	31

4.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar	32
--	----

IV. ATTI PUBBLIĊI 36

1. F'liema każijiet jista' l-kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar?	37
1.1. Talba għal flus	37
1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali	37
1.3. Att pubbliku	37
1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor	38
2. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?	38
2.1. Quddiem liema awtorità	38
2.2. Meta jista' jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar	38
3. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni	38
3.1. Ambitu	39
3.2. L-att pubbliku ikun infurzabbli	39
3.3. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar.	39
4. Rimedji possibbli/ difiżi għall-partijiet	39
4.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball	39
4.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar	40

V. TRANŻAZZJONIJIET ĠUDIZZJARJI 42

1. F'liema każijiet jista' l-kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar?	43
1.1. Talba għal flus	43
1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali	43
1.3. Tranżazzjoni għudizzjarja.	43
1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor	44
2. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?	44
2.1. Quddiem liema qorti	44
2.2. Kif jista' jinkiseb iċ-ċertifikat	44
2.3. Meta jista' jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar	44

3. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni	44
3.1. Ambitu	44
3.2. It-tranzazzjoni ġudizzjarja tkun infurzabbli	45
3.3. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar.	45
4. Rimedji possibbli/ difiżi għall-partijiet	45
4.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifutat jew ikun fih żball	45
4.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar	45

VI. L-INFURZAR TA' SENTENZA, ATT PUBBLIKU JEW TRANŻAZZJONI ĠUDIZZJARJA ĊĊERTIFIKATI BĦALA ORDNI EWROPEW TA' INFURZAR 48

1. Qorti jew awtorità kompetenti.	49
2. Dokumenti li għandhom jinġiebu mill-attur	49
3. Awtoritajiet ta' infurzar.	50
4. Limitazzjonijiet fuq l-infurzar.	50

ANNEX 1: MATRIĊI TA' DEĊIŻJONI GĦALL-QORTI	52
--	----

ANNEX 2: ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PROĊEDURA TA' EEO	54
---	----



► **I. INTRODUZZJONI:
PASSAPORT
ĠUDIZZJARJU
EWROPEW**

1. X'inhu Ordni Ewropew ta' Infurzar?

L-Ordni Ewropew ta' Infurzar huwa ċertifikat li jakkumpanja sentenza, tranżazzjoni ġudizzjarja jew att pubbliku u li jippermetti li din is-sentenza, tranżazzjoni jew strument jiċċirkolaw liberament fl-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, dan iċ-ċertifikat jikkostitwixxi "passaport ġudizzjarju Ewropew" għal deċiżjonijiet, tranżazzjonijiet u atti pubbliċi.

2. Meta jkun meħtieġ Ordni Ewropew ta' Infurzar?

Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun meħtieġ biex jinforza fi Stat Membru sentenza mogħtija, tranżazzjoni ġudizzjarja approvata minn qorti jew konkluża quddiemha jew att pubbliku abbozzat fi Stat Membru ieħor u li jikkonċerna talba mhux kontestata.¹

Meta jinkiseb Ordni Ewropew ta' Infurzar, ma hemm ebda ħtieġa li tinkiseb dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà fl-Istat Membru ta' infurzar tas-sentenza, tranżazzjoni ġudizzjarja jew att pubbliku.

¹ Sentenza fuq talba mhux ikkontestata tista' tinkiseb permezz tal-proċeduri ċivili previsti fid-dritt nazzjonali. Għandu jkun innutat, iżda, li mit-12 ta' Diċembru 2008, jista' jsir użu mill-proċedura uniformi stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li johlq ordni Ewropew għal proċedura ta' ħlas (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1). Fil-każ li jinkiseb ordni Ewropew għal ħlas, dan l-ordni jkun awtomatikament infurzabbli mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar. Barra minn hekk, jekk it-talba tkun għal anqas minn 2,000 €, sentenza mogħtija fil-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ara r-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jstabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1) tkun ukoll awtomatikament infurzabbli mingħajr il-ħtieġa ta' dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà jew ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar.

3. Mezzi alternattivi biex ikunu infurzati barra sentenzi, tranżazzjonijiet ġudizzjarji jew atti pubbliċi

F'livell Komunitarju, jeżistu żewġ modi li bihom wieħed ifittex l-infurzar barra ta' sentenza, tranżazzjoni ġudizzjarja jew att pubbliku:

- Jew li jinkiseb Ordni Ewropew ta' Infurzar fl-Istat Membru fejn jinħarġu/ikunu abbozzati s-sentenza, it-tranżazzjoni ġudizzjarja jew l-att pubbliku; jew
- Li tinkiseb dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà fl-Istat Membru ta' infurzar, skont il-proċedura exequatur stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 44/2001 dwar ġuriżdiżzjoni, rikonossiment u infurzar ta' sentenzi f'oqsma ċivili u kummerċjali ("Brussell I")²

Meta kreditur jagħmel l-għażla tiegħu bejn iż-żewġ modi differenti biex ifittex l-infurzar barra, huwa għandu jqis li l-Ordni Ewropew ta' Infurzar iħalli jkiseb infurzar malajr u effiċjenti mingħajr ma jinvolvi lill-qrati fl-Istat Membru ta' infurzar f'formalitajiet li jieħdu ż-żmien u jiswew il-flus li jkunu marbuta mad-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà skont il-proċedura exequatur skont ir-Regolament (KE) Nru 44/2001. Min-naħa l-oħra, huwa għandu jkun jaf li Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jinkiseb biss għal talbiet mhux kontestati u li dan l-ordni jingħata biss jekk jitħarsu ċerti kondizzjonijiet.

² ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

4. Għal liema sentenzi, tranżazzjonijiet ġudizzjarji u atti pubbliċi jista' jinkiseb Ordni Ewropew ta' Infurzar?

4.1. Applikazzjoni fi żmien reali

Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jinkiseb fir-rigward ta' sentenzi mogħtija, tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi u atti pubbliċi abbozzati wara l-21 ta' Jannar 2005, u fil-każ tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-1 ta' Jannar 2007.

4.2. Ambitu materjali ta' applikazzjoni

Is-sentenza, tranżazzjoni ġudizzjarja jew att pubbliku li għandhom ikunu ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar għandhom ikunu relatati ma' talba għal flus mhux kontestata f'qasam ċivili jew kummerċjali. Dan jista' jinkludi obbligi ta' manteniment.

4.3. Ambitu ġeografiku ta' applikazzjoni

Jista' jinkiseb ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għal sentenzi, tranżazzjonijiet ġudizzjarji, u atti pubbliċi maħruġa, konklużi, approvati jew abbozzati minn qorti jew awtorità kompetenti jew quddiemhom fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea bl-eċċezzjoni tad-Danimarka.

4.4. Il-mekkaniżmi differenti għal sentenzi, atti pubbliċi, u tranżazzjonijiet ġudizzjarji

Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar jingħata fuq talba mill-kreditur. Il-proċedura biex jinkiseb Ordni Ewropew ta' Infurzar tvarja skont jekk iċ-ċertifikat ikunx mitlub fir-rigward ta'

- Sentenza li tkun ser tingħata (tista' tmur direttament għall-punt II hawn taħt);
- Sentenza li diġà tkun ingħatat (tista' tmur direttament għall-punt III hawn taħt);
- Att pubbliku (tista' tmur direttament għall-punt IV hawn taħt).
- Tranżazzjoni ġudizzjarja (tista' tmur direttament għall-punt V hawn taħt).

Il-proċeduri spjegati fil-punti II u III hawn taħt japplikaw ukoll mutatis mutandis għal deċiżjonijiet mogħtija wara kontestazzjonijiet għal sentenzi, tranżazzjonijiet ġudizzjarji jew atti pubbliċi ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 3(2)).

L-infurzar ta' sentenzi, atti pubbliċi, u tranżazzjonijiet ġudizzjarji ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar huwa trattat fil-punt VI hawn taħt.

Il-kunċett "Oqsma ċivili jew kummerċjali"

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja sostniet b'mod konsistenti li l-espressjoni "oqsma ċivili u kummerċjali" għandha tingħata tifsira awtonoma derivata mill-għanijiet u mill-iskema tal-leġiżlazzjoni Komunitarja konċernata u mill-prinċipji ġenerali li huma l-bażi tas-sistemi legali nazzjonali in ġenerali (K-29/76 LTU Lufttransportunternehmen GmbH & Co KG vs Eurocontrol, Ġabra 1976, 1541). Il-Qorti sostniet li hemm żewġ elementi rilevanti biex ikun deċiż jekk tilwima tkunx ta' natura ċivili u kummerċjali jew le:

- is-suġġett tad-tilwima; u
- in-natura tar-relazzjoni bejn il-partijiet involuti.

B'mod partikolari fir-rigward ta' azzjonijiet li jinvolvu awtorità pubblika, il-Qorti speċifikat li qasam mhux "ċivili jew kummerċjali" meta jkun relatat ma' tilwima bejn awtorità pubblika u persuna privata meta l-azzjoni ta' din tal-ewwel tkun ibbażata fuq setgħa pubblika. Il-Qorti għalhekk tagħmel distinzjoni bejn acta iure imperii, li huma esklużi mill-kunċett ta' "qasam ċivili jew kummerċjali", u acta iure gestionis, li huma, a contrario, inklużi f'dan il-kunċett. Id-distinzjoni bejn acta iure imperii u acta iure gestionis mhix dejjem faċli fil-prattika. Il-linji ta' gwida li ġejjin ingħataw mill-każistika tal-Qorti.

F'Eurocontrol, il-Qorti sostniet li talba minn awtorità pubblika maħluqa minn trattat internazzjonali biex ikunu rkuprati minn parti privata tariffi għall-użu tat-tagħmir u s-servizzi tagħha meta dan l-użu kien obbligatorju u t-tariffi kienu ffixxati b'mod unilaterali ma tikkostitwix qasam ċivili jew kummerċjali.

F'Rüffer (K-814/79 Netherlands vs Rüffer; Ġabra 1980, 3807), il-Qorti sostniet li talba minn awtorità pubblika li ħarrket sid ta' bastiment biex jintraddu lura spejjeż akkumulati matul it-tneħħija ta' tiġrif minn kolliżjoni ma tikkwalifikax bħala qasam ċivili jew kummerċjali.

F'Sonntag (Kawża K-172/91, Ġabra 1993, I-1963), għall-kuntrarju, il-Qorti sostniet li azzjoni ċivili għal kumpens għal ħsara lil individwu bħala riżultat ta' offiża kriminali hija ta' natura ċivili. Iżda azzjoni ta' dan it-tip ma taqax fl-ambitu tal-espressjoni "qasam ċivili jew kummerċjali" fejn l-awtur tal-ħsara għandu jitqies bħala awtorità pubblika li aġixxiet fl-eżerċizzju ta' setgħa pubblika (f'dak il-każ, għalliem li kien qiegħed jissorvelja studenti ma kienx meqjus li jaqa' fid-definizzjoni ta' wieħed li "jaġixxi fl-eżerċizzju ta' setgħa pubblika"). ■ ■ ■

- ■ ■ F'Gemeente Steenbergen (Kawża K-271/00, Ġabra 2002, I-10489), il-Qorti sostniet li l-kunċett ta' "oqsma ċivili" jiġbor fih azzjoni skont id-dritt ta' rikors fejn entità pubblika tfttex lil persuna privata għall-irkupru ta' ammonti mħallsa minnha f'assistenza soċjali lill-konjuġi divorzjat/a u lill-wild ta' dik il-persuna, sakemm il-bażi u r-regoli dettaljati relattivi biex titressaq dik l-azzjoni jkunu regolati mir-regoli tad-dritt ordinarju fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment. Meta l-azzjoni skont id-dritt ta' rikors tkun imsejsa fuq dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-leġislatura tkun tat lill-korp pubbliku prerogativa tiegħu proprja, dik l-azzjoni ma tistax titqies bħala mressqa f' "oqsma ċivili".

F'Préservatrice foncière (Kawża K-266/01, Ġabra 2003, I-4867), il-Qorti sostniet li l-kunċett "oqsma ċivili jew kummerċjali" tkopri talba li permezz tagħha Stat ifittex li jinforza kontra persuna regolata mid-dritt privat kuntratt ta' garanzija ta' dritt privat li kien konkluż biex parti terza tkun tista' tforni garanzija meħtieġa u definitiva minn dak l-Istat, sa fejn ir-relazzjoni legali bejn il-kreditur u l-garanti, skont il-kuntratt ta' garanzija, ma tinvolvi l-eżerċizzju mill-Istat ta' entijiet li jmorru lil hinn minn dawk li jeżistu skont ir-regoli applikabbli għal relazzjonijiet bejn individwi privati.

Fi Frahuil/Assitalia, (Kawża K-265/02, Ġabra 2004, I-1543), kien sostnut li azzjoni mressqa permezz ta' surroga legali kontra importatur li kellu jagħti dazji doganali mill-garanti li ħallas dawk id-dazji lill-awtoritajiet doganali f'eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' garanzija li bih huwa kien intrabat mal-awtoritajiet doganali jiggarantixxi l-ħlas tad-dazji in kwistjoni mill-burdnar, li oriġinarjament kien inġhata istruzzjonijiet mid-debitur prinċipali biex iħallas id-dejn, għandha titqies li jaqa' taħt il-kunċett ta' "oqsma ċivili u kummerċjali".

Fl-aħħar nett, f'Lechouritou, (Kawża K-292/05, Ġabra 2007, I-1519), il-Qorti kkonfermat li rimedju għal telf jew ħsara kkawżati matul il-gwerra minn truppi tal-gvern ma jaqax taħt "oqsma ċivili". ■



► II. ORDNI EWROPEW
TA' INFURZAR GĦAL
SENTENZI LI JKUNU
GĦADHOM MA
NGĦATAWX

Kreditur jista' jitlob ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar fir-rigward ta' sentenza li tkun għad trid tingħata, jew fil-bidu tal-proċedimenti ġudizzjarji jew f'kull waqt matul il-proċedimenti tal-qorti. Meta tintalab l-ordni fil-bidu tal-proċedimenti ġudizzjarji, ikun possibbli li t-talba ssir fir-rikors ippreżentat lill-qorti (eż. fid-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti).

1. F'liema każijiet jista' kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar

1.1. Talba għal flus

It-talba li hija s-suġġett tat-tilwima għandha tkun talba għall-ħlas ta' somma speċifika ta' flus dovuti (ara l-Art. 4(2)).

1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali

- It-talba għandha tikkonċerna qasam ċivili jew kummerċjali.

Dwar il-kunċett "qasam ċivili jew kummerċjali", ara l-punt 1.4.2 hawn fuq.

- Ordni Ewropew ta' Infurzar ma jistax jinkiseb fl-oqsma li ġejjin:
 - dħul, dwana jew amministrazzjoni jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' awtorità tal-Istat ("acta iure imperii").
 - l-istat jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi, drittijiet ta' proprjetà li jirriżultaw minn relazzjoni ta' żwieġ, testmenti u suċċessjoni;

Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' dawn l-oqsma jew ikunu koperti minn strumenti Komunitarji oħra eżistenti (ara, pereżempju, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri)³ jew ma jkunux għadhom koperti mid-dritt Komunitarju.

- fallimenti, proċedimenti relatati mal-likwidazzjoni ta' kumpaniji falluti jew persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, kompożizzjonijiet u proċedimenti analogi;

Ir-rikonoxximent u l-infurzar f'oqsma ta' likwidazzjoni huma regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment Ir-rikonoxximent u l-infurzar f'oqsma ta' likwidazzjoni huma regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment.⁴

- sigurtà soċjali;
- u arbitraġġ.

Dan il-qasam mhux kopert fil-preżent mid-dritt Komunitarju.

1.3. Sentenza

Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab fir-rigward ta' sentenzi, jiġifieri kull sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru, tkun xi tkun tissejjaħ is-sentenza, inklużi digriet, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni,

³ĠU. L 338, it-23 ta' Diċembru 2003, p. 1.

⁴ĠU. L 160, it-30 ta' Ġunju 2000, p. 1.

kif ukoll id-determinazzjoni ta' spejjeż jew infiq minn uffċjal tal-qorti (ara l-Art. 4(1)).

1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor

Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab għall-fini ta' infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor. Iżda dan ma jkunx meħtieġ biex juri element internazzjonali. B'mod partikolari, ma jkunx meħtieġ li waħda mill-partijiet tkun toqgħod jew tkun abitwalment residenti barra, u lanqas ma għandu jintwera li l-infurzar ikun jitwettaq barra. Ċertament, fl-aħħar mill-aħħar iċ-ċertifikat ikun utli biss f'każ ta' infurzar fi Stat Membru ieħor.

2. Rekwiżiti li għandhom jitħarsu waqt il-bidu tal-proċedimenti dwar il-merti

Kreditur li jkun jixtieq jikseb ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għandu jiżgura li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti proċedurali li għejjin. B'mod partikolari, id-dokument li jagħti bidu għal proċedimenti fuq il-merti għandu jkun ikkomunikat lid-debitur u għandu jkollu fih informazzjoni speċifikata għall-attenzjoni tad-debitur:

2.1. Informazzjoni obligatorja

Id-debitur għandu jirċievi l-informazzjoni preskritta mill-Artikoli 16 u 17 tar-Regolament, jigjifieri:

2.1.1. Informazzjoni dovuta dwar it-talba (Art. 16)

Id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti fuq il-merti għandu jinkludi:

- l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet;
- l-ammont tat-talba;
- jekk jintalab l-imgħax fuq it-talba, ir-rata ta' imgħax u l-perjodu li għalih jintalab l-imgħax, sakemm imgħax statutarju ma jiżdiedx awtomatikament mas-somma kapitali ewlenija skont il-liġi tal-Istat Membru li fih tingħata s-sentenza;
- dikjarazzjoni tal-motiv tat-talba.

2.1.2. Informazzjoni dovuta dwar il-passi proċedurali meħtieġa tkun ikkontestata t-talba (Art. 17)

Barra minn hekk, id-debitur għandu jkun mgħarraf dwar liema passi proċedurali jeħtieġ li jieħu biex jikkontesta t-talba.

Dan it-tagħrif jista' jkun jinsab fid-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew f'dokument li jkun hemm miegħu. Jista' jkun ukoll f'kull taħrika sussegwenti għal smiġ ġudizzjarju.

Din l-informazzjoni għandha tinkludi:

- ir-rekwiżiti proċedurali biex tkun ikkontestata t-talba, inkluż it-terminu ta' żmien biex it-talba tkun ikkontestata bil-miktub jew biex ikun ikkontestat iż-żmien għas-smiġ ġudizzjarju (kif applikabbli);
- l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li lilha wieħed għandu jwieġeb jew li quddiemha għandu jidher (kif applikabbli);

- jekk hux obligatorju jew le li wieħed ikun rappreżentat minn avukat;
- il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' oġġezzjoni jew tal-kontumacija, partikularment, fejn japplika, il-possibbiltà li tkun tista' tingħata jew tkun infurzata sentenza kontra d-debitur u r-responsabbiltà għal spejjeż relatati mal-proċedimenti tal-qorti.

2.2. Notifika tad-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti u ta' kull taħrika għal smiġħ ġudizzjarju

Id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti kif ukoll għal kull taħrika għal smiġħ ġudizzjarju għandu jkun notifikat permezz ta' metodu rikonnoxxut mir-Regolament.⁵ Il-metodi ta' notifika aċċettati huma speċifikati fl-Art. 13 u 14. B'mod ġenerali, huma possibbli żewġ tipi ta' notifika: jew notifika bi prova tal-irċevuta mid-debitur (Art. 13) jew notifika mingħajr prova tal-irċevuta mid-debitur (Art. 14).

2.2.1. Notifika bi prova tal-irċevuta mid-debitur jew mir-rappreżentant tad-debitur

Il-metodi ta' notifika bi prova tal-irċevuta huma speċifikati fl-Artikolu 13. Lista kompleta ta' dawn il-metodi tinsab f'dan l-artikolu.

Fil-qosor, dawn il-metodi jippermettu:

- notifika personali b'riconnoxximent tal-irċevuta ffirmata mid-debitur;

⁵ Jekk in-notifika tkun teħtieġ li ssir fi Stat Membru ieħor, id-dokumenti għandhom jintbagħtu lil dak l-Istat Membru l-ieħor skont ir-regoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'oqsma ċivili jew kummerċjali (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

- dikjarazzjoni mill-persuna kompetenti li għamlet in-notifika li d-debitur irċieva d-dokument jew irrifjuta li jirċevieh mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali;⁶
- notifika bil-posta kkonfermata b'riconnoxximent tal-irċevuta ffirmata mid-debitur;
- notifika elettronika b'riconnoxximent tal-irċevuta ffirmata mid-debitur.

2.2.2. Notifika mingħajr prova tal-irċevuta mid-debitur jew mir-rappreżentant tad-debitur

Id-debitur jista' wkoll ikun notifikat minn wieħed mill-metodi mingħajr prova tal-irċevuta speċifikati fl-Art. 14. Dawn il-metodi jistgħu jintużaw biss jekk l-indirizz tad-debitur ikun magħruf b'ċertezza. Jeskludu kull forma ta' notifika fittizja (eż. remise au parquet).

Fil-qosor, dawn il-metodi jippermettu:

- notifika fl-indirizz tad-debitur għal persuni li jgħixu fl-istess familja tad-debitur jew li jkunu impjegati hemmhekk. Fil-każ ta' persuna li taħdem għal rasha jew persuna ġuridika, in-notifika tista' wkoll ssir fil-post tax-xogħol tad-debitur għal persuni li jkunu impjegati mid-debitur.

F'dawn il-każijiet, in-notifika għandha tkun attestata:

- jew permezz ta' irċevuta ffirmata mill-persuna li tkun irċeviet in-notifika; jew

⁶ Ara b'mod partikolari d-dritt li tkun rifjutata notifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill 1393/2007.

- permezz ta' dokument iffirmit mill-persuna li għamlet in-notifika, li jindika l-metodu ta' notifika użata, id-data tan-notifika, u l-isem tal-persuna li rċeviet in-notifika kif ukoll ir-relazzjoni ta' din tal-aħħar fir-rigward tad-debitur.
- id-depożitu tad-dokument fil-kaxxa postali tad-debitur jew f'uffiċċju postali jew ma' awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

Fil-każ ta' depożitu fl-uffiċċju postali jew ma' awtoritajiet kompetenti, għandu jkun tqiegħed avviż bil-miktub tad-depożitu fil-kaxxa postali tad-debitur, fejn ikun iddikjarat b'mod ċar il-karattru tad-dokument bħala dokument legali jew l-effett legali tal-avviż bħala li jwettaq notifika u jagħti bidu għall-kors taż-żmien għal skopijiet ta' termini ta' żmien.

F'dawn il-każijiet, in-notifika għandha tkun attestata minn dokument iffirmit mill-persuna li tkun għamlet in-notifika, li jindika l-metodu tan-notifika użata, id-data tan-notifika, u l-isem tal-persuna li tkun irċeviet in-notifika kif ukoll ir-relazzjoni ta' din tal-aħħar fir-rigward tad-debitur.

- notifika postali mingħajr prova tal-irċevuta fejn id-debitur ikollu l-indirizz tiegħu fl-Istat Membru fejn tkun qed tinstema' l-kawża; jew
- Mezz elettroniku attestat minn konferma awtomatika ta' konsenja, sakemm id-debitur ikun aċċetta b'mod espliċitu dan il-metodu ta' notifika bil-quddiem.

3. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?

3.1. Quddiem liema qorti

Talba għal Ordni Ewropew ta' Infurzar għandha tkun indirizzata lill-qorti li approvat it-tranżazzjoni ġudizzjarja jew li quddiemha kienet konkluzja.

3.2. Kif jinkiseb iċ-ċertifikat

It-talba għandha ssir skont il-liġi nazzjonali tal-qorti li tkun qiegħda tisma' l-każ.

3.3. Meta jista' jintalab l-Ordni Ewropew ta' Infurzar

It-talba tista' ssir f'kull żmien meta jew wara li jkun nbdew il-proċeduri.

4. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni

Biex jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar, il-qorti għandha timla l-formola standard inkluża fl-Anness I.

Meta tagħmel dan, il-qorti għandha teżamina l-punti li ġejjin:

4.1. Ambitu

Il-qorti għandha teżamina li

4.1.1. It-talba tkun tikkonċerna qasam ċivili u kummerċjali

Ara l-punt II.1.2 hawn fuq.

4.1.2. It-talba tkun għall-ħlas ta' somma speċifika ta' flus dovuti

Ara l-punt II.1.1 hawn fuq.

Iċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jkopri wkoll l-ammont ta' spejjeż relatati mal-proċeduri tal-qorti li jkunu inklużi fis-sentenza jekk id-debitur ma jkunx oġġezzjona b'mod speċifiku għall-obbligu tiegħu li jħallas spejjeż bħal dawn matul il-proċedimenti tal-qorti skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini (ara l-Art. 7).

4.2. It-talba baqgħet mhux kontestata

Talba titqies mhux ikkontestata fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

4.2.1. id-debitur ikun qabel b'mod espliċitu dwarha b'ammissjoni (ara l-Art. 3(1)(a));

4.2.2. id-debitur qatt ma jkun oġġezzjona għaliha, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali rilevanti skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini, matul il-proċedimenti fil-qorti (ara l-Art. 3(1)(b));

Meta d-debitur qatt ma jkun oġġezzjona għat-talba, il-qorti għandha tara jekk is-silenzju jew in-nuqqas ta' azzjoni tiegħu jistgħux jitqiesu

bħala aċċettazzjoni taċita tat-talba skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini. Eżempji tipiċi ta' din is-sitwazzjoni huma sentenzi fil-kontumaċja jew ordnijiet għal ħlas.

4.2.3. id-debitur ma jkunx deher jew ma kienx rappreżentat f'seduta fil-qorti fir-rigward ta' dik it-talba wara li jkun inizjalment oġġezzjona għat-talba matul il-proċedimenti tal-qorti, sakemm dan l-atteġġjament ikun ifisser ammissjoni taċita tat-talba jew tal-fatti allegati mill-kreditur skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini (ara l-Art. 3(1)(c)).

Din is-sitwazzjoni sseħħ meta d-debitur ikun ipparteċipa fil-proċedura u jkun oġġezzjona għat-talba, iżda ma jkunx deher aktar jew ma jkunx aktar rappreżentat fi smiġħ sussegwenti tat-talba. F'din is-sitwazzjoni, il-qorti għandha tara jekk l-imġieba tal-konvenut tkunx tista' tfisser ammissjoni taċita tat-talba jew tal-fatti skont il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini.

4.3. Is-sentenza tkun infurzabbli

Is-sentenza li għandha tkun iċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar għandha tkun infurzabbli. Iżda jista' wkoll jinħareġ ċertifikat meta s-sentenza tkun infurzabbli provviżorjament.

4.4. Ġuriżdizzjoni

4.4.1. Oqsma ta' assigurazzjoni

Jekk is-sentenza li għandha tingħata tikkonċerna qasam ta' assigurazzjoni, il-qorti għandha tara li s-sentenza ma tkunx f'konflitt mar-regoli dwar

il-ġuridizzjoni kif stabbiliti fit-taqsimi 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

4.4.2. Ġurisdizzjoni esklużiva

Jekk is-sentenza li għandha tingħata tikkonċerna drittijiet in rem fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' immobbli, ċerti kwistjonijiet tal-liġi tal-kumpaniji, reġistri pubbliċi, drittijiet ta' proprjetà industrijali, infurzar, li dwarhom l-Art. 22 tar-Regolament 44/2001 jistabbilixxi regoli esklużivi dwar ġurisdizzjoni, il-qorti għandha tara li dik is-sentenza ma tkunx f'konflitt ma' dawn ir-regoli.

4.5. Kontrolli addizzjonali f'każ li d-debitur ma jkunx qabel espressament mat-talba

Jekk id-debitur ma jkunx qabel espressament mat-talba, jiġifieri, fis-sitwazzjonijiet deskritti fil-punti 4.2.2 u 4.2.3 hawn fuq, il-qorti għandha teżamina:

4.5.1. Ġurisdizzjoni

Jekk is-sentenza li għandha tingħata tikkonċerna kuntratt konkluż minn konsumatur u tingħata kontra l-konsumatur, il-qorti għandha tara li l-konsumatur ikollu d-domiċilju tiegħu/tagħha fl-Istat Membru tal-qorti skont it-tifsira tal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

4.5.2. Standards minimi

Il-qorti għandha teżamina:

4.5.2.1. Notifika tad-dokument li jibda proċedimenti jew ta' taħrika għal smigħ ġudizzjarju

Id-debitur kien notifikat skont l-Artikoli 13 sa 15 (ara l-punti 2.2.1 u 2.2.2 hawn fuq).

Jekk id-dokument li jagħti bidu għal proċedimenti jew kull taħrika għal smigħ ġudizzjarju **ma jkunx** ingħata lid-debitur skont l-Art. 13 jew 14, il-qorti tista', iżda, tiċċertifika s-sentenza bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk ikun hemm prova mill-imġieba tad-debitur fil-proċedimenti tal-qorti li huwa jkun irċieva personalment id-dokument li kellu jkun notifikat fi żmien suffiċjenti biex jirranġa għad-difiża tiegħu (ara l-Art. 18(2)).

4.5.2.2. Informazzjoni obligatorja dwar id-debitur

Id-debitur ikun irċieva kif imiss l-informazzjoni preskritta fl-Art. 16 u 17 (ara l-punti 2.1.1 u 2.1.2 hawn fuq).

Jekk ma jkunx tħarsu l-istandards minimi dwar in-notifika u l-ġhotti ta' tagħrif, dan in-nuqqas ta' tħaris jista' jissewwa u l-qorti tista' toħroġ iċ-ċertifikat jekk jiġri dan li ġej:

- Is-sentenza tkun notifikata lid-debitur b'konformità mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 13 jew 14; u
- Ikun possibbli għad-debitur li jikkontesta s-sentenza permezz ta' stħarriġ sħiħ u huwa jkun ġie mgħarraf kif imiss fis-sentenza jew flimkien magħha bir-rekwiżiti proċedurali għal kontestazzjoni bħal din, inklużi l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li lilha li magħha għandha tkun depożitata u, fejn japplika, it-terminu ta' żmien biex dan isir; u

- Id-debitur ikun naqas li jikkontesta s-sentenza b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali rilevanti.

Barra minn hekk, jekk id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew kull taħrika għal smiġ ġudizzjarju ma jkunx ġew notifikati skont l-Artikoli 13 jew 14, il-qorti tista' iżda, tagħti ċ-ċertifikat jekk ikun hemm prova mill-imġieba tad-debitur fil-proċedimenti tal-qorti li huwa jkun irċieva personalment id-dokument li kellu jkun notifikat fi żmien suffiċjenti biex jirranġa għad-difiża tiegħu.

4.5.2.3. Stħarriġ f'każijiet eċċezzjonali (Art. 19)

L-Istat Membru tal-qorti li tkun tat is-sentenza għandu joffri lid-debitur id-dritt li japplika għal stħarriġ tas-sentenza meta:

- id-dokument li jagħti bidu għal proċedimenti jew dokument ekwivalenti jew, fejn japplika, it-taħrika għal smiġ ġudizzjarju, ikunu ġew notifikati permezz ta' wieħed mill-metodi msemmija fl-Artikolu 14; u
- in-notifika ma tkunx saret fi żmien suffiċjenti biex huwa jkun jista' jirranġa għad-difiża tiegħu, mingħajr ebda nuqqas jew tort min-naħa tiegħu; jew
- Id-debitur ma jkunx tħalla joġġezzjona għat-talba minħabba force majeure, jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr ebda nuqqas min-naħa tiegħu.

4.6. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar

Jekk partijiet biss mis-sentenza li għandha tiġi ċċertifikata jissodisfaw ir-rekwiżiti għal ċertifikazzjoni kif stabbilit hawn fuq, il-qorti tista' tohrōg ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għal dawk il-partijiet biss (ara l-Art 8).

5. Rimedji possibbli/difiżi għall-partijiet

5.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball

5.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat minħabba nuqqas ta' konformità ma' standards minimi dwar notifika (Art. 18(1))

Jekk iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar kien rifjutat mill-qorti minħabba nuqqas ta' notifika kif imiss tad-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew kull taħrika għal smiġ ġudizzjarju skont l-Art. 13 jew 14 jew minħabba għoti mhux biżżejjed ta' tagħrif skont l-Art. 16 jew 17, dan in-nuqqas ta' konformità mal-istandards minimi jista' jissewwa u l-attur jista' jagħmel rikors ġdid għal Ordni Ewropew ta' Infurzar lill-qorti li tkun tat is-sentenza jekk jiġri dan li ġej:

- Is-sentenza tkun notifikata lid-debitur b'konformità mar-rekwiżiti skont l-Art. 13 jew 14; u
- Ikun possibbli għad-debitur li jikkontesta s-sentenza permezz ta' stħarriġ sħiħ u huwa jkun ġie mgħarraf kif imiss fis-sentenza jew

flimkien magħha bir-reqwiżiti proċedurali għal kontestazzjoni bħal din, inkluż l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li magħha għandha tkun iddepożitata u, fejn japplika, it-terminu ta' żmien biex dan isir; u

- Id-debitur ikun naqas li jikkontesta s-sentenza b'konformità mar-reqwiżiti proċedurali rilevanti.

Jekk dawn ir-reqwiżiti jitħarsu, il-qorti tista' tagħti ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar.

5.1.2. Jekk iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat minħabba raġunijiet oħra

L-attur għandu żewġ għażliet:

- Jew li jappella kontra r-rifjut li tingħata Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk possibbiltà bħal din tkun teżisti fid-dritt nazzjonali;
- Jew li jsejwi l-infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor skont il-proċedura exequatur stabbilita mir-Regolament 44/2001.

5.1.3. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn is-sentenza u iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, l-attur jista' japplika lill-qorti li tkun tat iċ-ċertifikat u jitlob li iċ-ċertifikat ikun rettifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). L-attur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal rettifika bħal din hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

5.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar

Fil-prinċipju, ebda appell ma huwa possibbli kontra l-ħruġ ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 10(4)).

Madankollu, jeżistu l-possibiltajiet li ġejjin, fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru ta' infurzar.

5.2.1. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' oriġini

Id-debitur jista' jieħu l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza:

5.2.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn is-sentenza u iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun semgħet il-merti tat-talba għal rettifika taċ-ċertifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal din ir-rettifika hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar il-leġislazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

5.2.1.2. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun ingħata ħażin b'mod ċar

Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun ingħata kontra r-reqwiżiti stabbiliti fir-Regolament, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun semgħet il-merti

tat-talba u jitlob li ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun irtirat (ara l-Art. 10(1)(b)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal dan l-irtirar hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

5.2.1.3. Jekk is-sentenza ma tkunx għadha infurzabbli jew jekk l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet sospiża jew limitata

Jekk sentenza ma tkunx għadha infurzabbli jew l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet sospiża jew limitata skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ingħatat is-sentenza, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun tat is-sentenza għal ċertifikat u jindika n-nuqqas jew il-limitazzjoni tal-infurzabbiltà (ara l-Art. 6(2)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness IV.

5.2.1.4. Appell mis-sentenza

Id-debitur jista' jikkontesta s-sentenza fuq il-merti skont il-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza.

Jekk il-kontestazzjoni ma tirnaxx u s-sentenza fl-appell tkun infurzabbli, l-attur jista' jikseb ċertifikat ta' sostituzzjoni billi juża l-formola standard fl-Anness V (ara l-Art. 6(3)).

5.2.1.5. Stħarriġ f'każijiet eċċezzjonali

Id-debitur jista' jiddepożita stħarriġ speċjali kontra s-sentenza quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza fiċ-ċirkostanzi li ġejjin (ara l-Art. 19(1)):

- id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jew, fejn japplika, it-taħrika għal smiġh ġudizzjarju,

ikunu ġew notifikati permezz ta' wieħed mill-metodi msemmija fl-Art. 14; u

- in-notifika ma tkunx saret fi żmien suffiċjenti biex id-debitur ikun jista' jirringa għad-difiża tiegħu, mingħajr ebda nuqqas min-naħa tiegħu; jew
- Id-debitur ma tħallix joġġezzjona għat-talba minħabba force majeure jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr ebda nuqqas min-naħa tiegħu/tagħha.

Meta japplika għal dan l-istħarriġ speċjali, id-debitur għandu jaġixxi malajr.

Il-proċedura għal dan l-istħarriġ hija stabbilita fil-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza. L-informazzjoni kollha dwar il-proċeduri speċjali ta' stħarriġ skont l-Art. 19 tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'oqsma ċivili u kummerċjali (http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_mt.htm).

5.2.2. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' infurzar

Id-debitur jista' jieħu l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru ta' infurzar, għalkemm dawn il-possibiltajiet qatt ma jistgħu jwasslu għal stħarriġ fl-Istat Membru ta' infurzar tas-sentenza jew taċ-ċertifikazzjoni tagħha bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 21(2)).

5.2.2.1. Rifjut ta' infurzar

Id-debitur għandu l-possibiltà li japplika għal rifjut ta' infurzar tas-sentenza (ara l-Art. 21) jekk is-sentenza ċċertifikata bħala Ordni Ewropew

ta' Infurzar tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza maħruġa qabel f'kull Stat Membru jew f'pajjiż terz, bil-kondizzjoni li:

- Is-sentenza ta' qabel kienet tinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u kienet bejn l-istess partijiet; u
- Is-sentenza ta' qabel ingħatat fl-Istat Membru ta' infurzar jew tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonnoxximent tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar; u
- L-irrikončiljabbiltà ma kinitx tqajmet u ma setgħetx titqajjem bħala oġġezzjoni fil-proċedimenti tal-qorti fl-Istat Membru ta' oriġini.

5.2.2.2. Waqfien jew limitazzjoni ta' infurzar

Id-debitur jista' japplika għal sospensjoni jew limitazzjoni tal-infurzar tas-sentenza fiċ-ċirkostanzi li ġejjin (ara l-Art. 23):

- Id-debitur ikun ikkontesta sentenza ċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar, inkluża applikazzjoni għal sħarriġ skont it-tifsira tal-Art. 19; jew
- Id-debitur ikun applika għar-rettifika jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar skont l-Art. 10.

F'dawn il-każijiet, il-Qorti jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' infurzar jistgħu

- jillimitaw il-proċeduri ta' infurzar għal miżuri ta' protezzjoni; jew
- ma jwettqux l-infurzar taħt kondizzjoni li tingħata dik il-garanzija skont kif huma jiddeċiedu; jew
- f'ċirkostanzi eċċezzjonali, iwaqqfu l-proċedimenti ta' infurzar.

► III. L-ORDNI EWROPEW TA' INFURZAR GĦAL SENTENZI EŻISTENTI



Kreditur jista' wkoll jitlob ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar fir-rigward ta' sentenza li diġà ingħatat.

1. F'liema każijiet jista' l-kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar?

1.1. Talba għal flus

It-talba li kienet is-suġġett tat-tilwima għandha tkun għal ħlas jew somma speċifika ta' flus dovuti (ara l-Art. 4(2)).

1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali

- It-talba għandha tikkonċerna qasam ċivili jew kummerċjali.

Dwar il-kunċett "Qasam ċivili jew kummerċjali", ara l-punt 1.4.2 hawn fuq.

- Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' ma jinkisibx fl-oqsma li ġejjin:

- oqsma ta' dħul, dwana jew amministrazzjoni jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' awtorità tal-Istat ("acta iure imperii").

Dawn l-oqsma mhumiex koperti mill-Art. 65 Trattat KE.

- l-istat jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi, drittijiet fil-proprietà li jirriżultaw minn relazzjoni ta' żwieġ, testamenti u suċċessjoni;

Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' dawn l-oqsma jew ikunu koperti minn strumenti Komunitarji oħra eżistenti (ara, pereżempju, ir-

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri)⁷ jew ma jkunux għadhom koperti mid-dritt Komunitarju.

- fallimenti, proċedimenti relatati mal-likwidazzjoni ta' kumpaniji falluti jew persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, kompożizzjonijiet u proċedimenti analogi;

Ir-rikonoxximent u l-infurzar f'oqsma ta' likwidazzjoni huma regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment.⁸

- sigurtà soċjali;

Dan il-qasam mhux ġeneralment kopert mill-Art. 65 tat-Trattat KE.

- u arbitraġġ.

Dan il-qasam mhux kopert fil-preżent mid-dritt Komunitarju.

1.3. Sentenza

Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab fir-rigward ta' sentenzi, jiġifieri kull sentenza mogħtija minn qorti ta' Stat Membru, tkun xi tkun tisseyjaħ is-sentenza, inklużi digriet, ordni, deċiżjoni jew mandat ta' eżekuzzjoni, kif ukoll id-determinazzjoni ta' spejjeż jew infiq minn uffiċjal tal-qorti (ara l-Art. 4(1)).

⁷ ĠU. L 338, it-23 ta' Diċembru 2003, p. 1.

⁸ ĠU. L 160, 30.6.2000, p. 1.

Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab biss fir-rigward ta' sentenzi mogħtija wara l-21 ta' Jannar 2005 (fl-Istati Membri kollha ħlief għar-Rumanija u l-Bulgarija) jew l-1 ta' Jannar 2007 (għar-Rumanija u l-Bulgarija).

1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor

Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab għall-fini ta' infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor. Iżda dan ma jkunx meħtieġ biex juri element internazzjonali. B'mod partikolari, ma jkunx meħtieġ li waħda mill-partijiet tkun toqgħod jew tkun abitwalment residenti barra, u lanqas ma għandu jintwera li l-infurzar ikun jitwettaq barra. Ċertament, fl-aħħar mill-aħħar iċ-ċertifikat ikun utli biss f'każ ta' infurzar fi Stat Membru ieħor.

2. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?

2.1. Quddiem liema qorti

Talba għal Ordni Ewropew ta' Infurzar għandha tkun indirizzata lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini. Fil-prinċipju din tkun il-qorti li tkun qed tisma' l-merti.

2.2. Kif jista' wieħed jottjeni ċ-ċertifikat

It-talba għandha ssir skont il-liġi nazzjonali tal-qorti li tkun qiegħda tisma' l-każ.

2.3. Meta jista' jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar

It-talba tista' ssir f'kull żmien wara li tkun ingħatat is-sentenza, meqjus il-fatt li din tal-aħħar għandha tkun infurzabbli.

3. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni

Biex tinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar, il-qorti għandha timla l-formola standard inkluża fl-Anness I.

Meta tagħmel dan, il-qorti għandha teżamina l-punti li ġejjin:

3.1. Ambitu

Il-qorti għandha teżamina li

3.1.1. It-talba tkun tikkonċerna qasam ċivili u kummerċjali

Ara l-punt III.1.2 hawn fuq.

3.1.2. It-talba tkun għall-ħlas ta' somma speċifika ta' flus dovuti

Ara l-punt III.1.1 hawn fuq.

Iċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jkopri wkoll l-ammont ta' spejjeż relatati mal-proċedimenti tal-qorti li jkun inklużi fis-sentenza jekk id-debitur ma jkunx oġġezzjona b'mod speċifiku għall-obbligu tiegħu li jħallas dawn l-ispejjeż matul il-proċedimenti tal-qorti skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini (ara l-Art. 7).

3.1.3. Id-data tas-sentenza

Jekk is-sentenza tingħata fi Stat Membru ħlief fir-Rumanija u l-Bulgarija, is-sentenza għandha tkun ingħatat fil-21 ta' Jannar 2005 jew wara. Jekk is-sentenza tkun ingħatat fir-Rumanija jew fil-Bulgarija, din għandha tkun ingħatat fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara.

3.2. It-talba baqgħet mhux kontestata

Talba titqies mhux ikkontestata fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

3.2.1. id-debitur ikun qabel b'mod espliċitu dwarha b'ammissjoni (ara l-Art. 3(1)(a));

3.2.2. id-debitur qatt ma jkun oġġezzjona għaliha, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali rilevanti skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini, matul il-proċedimenti fil-qorti (ara l-Art. 3(1)(b));

Meta d-debitur qatt ma jkun oġġezzjona għat-talba, il-qorti għandha tara jekk is-silenzju jew in-nuqqas ta' azzjoni tiegħu jistgħux jitqiesu bħala aċċettazzjoni taċita tat-talba skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini. Eżempji tipiċi ta' din is-sitwazzjoni huma sentenzi fil-kontumaċja jew ordnijiet għal ħlas.

3.2.3. id-debitur ma jkunx deher jew ma kienx rappreżentat f'seduta fil-qorti fir-rigward ta' dik it-talba wara li jkun inizjalment oġġezzjona għat-talba matul il-proċedimenti

tal-qorti, sakemm dan l-atteġġjament ikun ifisser ammissjoni taċita tat-talba jew tal-fatti allegati mill-kreditur skont id-dritt tal-Istat Membru ta' oriġini (ara l-Art. 3(1)(c)).

Din is-sitwazzjoni sseħħ meta d-debitur ikun ipparteċipa fil-proċedura u jkun oġġezzjona għat-talba, iżda ma jkunx deher aktar jew ma jkunx aktar rappreżentat fi smiġħ sussegwenti tat-talba. F'din is-sitwazzjoni, il-qorti għandha tara jekk l-imġieba tal-konvenut tkunx tista' tfisser ammissjoni taċita tat-talba jew tal-fatti skont il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini.

3.3. Is-sentenza tkun infurzabbli

Is-sentenza li għandha tkun iċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar għandha tkun infurzabbli. Iżda jista' wkoll jinħareġ ċertifikat meta s-sentenza tkun infurzabbli provviżorjament.

3.4. Ġurisdizzjoni

3.4.1. Oqsma ta' assigurazzjoni

Jekk is-sentenza tikkonċerna qasam ta' assigurazzjoni, il-qorti għandha tara li s-sentenza ma tkunx f'konflitt mar-regoli dwar il-ġurisdizzjoni kif stabbiliti fit-taqsimha 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

3.4.2. Ġuriżdizzjoni esklużiva

Jekk is-sentenza tikkonċerna drittijiet in rem fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' immobbli, ċerti kwistjonijiet tal-liġi tal-kumpaniji, reġistri pubbliċi, drittijiet ta' proprjetà industrijali, infurzar, li dwarhom l-Art. 22 tar-Regolament 44/2001 jistabbilixxi regoli esklużivi dwar ġuriżdizzjoni, il-qorti għandha tara li dik is-sentenza ma tkunx f'konflitt ma' dawn ir-regoli.

3.5. Kontrolli addizzjonali f'każ li d-debitur ma jkunx qabel espressament mat-talba

Jekk id-debitur ma jkunx qabel b'mod espliċitu mat-talba, jiġifieri, fis-sitwazzjonijiet deskritti taħt il-punti III.3.2.2 u III.3.2.3 fuq, il-qorti għandha teżamina:

3.5.1. Ġuriżdizzjoni

Jekk is-sentenza tikkonċerna kuntratt konkluż minn konsumatur u tkun ingħatat kontra l-konsumatur, il-qorti għandha tara li tkun ingħatat fl-Istat Membru fejn il-konsumatur ikollu r-residenza tiegħu/tagħha skont it-tifsira tal-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.

3.5.2. Standards minimi

Il-qorti għandha teżamina:

3.5.2.1. Notifika tad-dokument li jibda proċedimenti jew ta' taħrika għal smiġh ġudizzjarju

Id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti kif ukoll għal kull taħrika għal smiġh ġudizzjarju għandu jkun notifikat permezz ta' metod

rikonoxxut mir-Regolament.⁹ Il-metodi ta' notifika aċċettati huma speċifikati fl-Art. 13 u 14. B'mod ġenerali, huma possibbli żewġ tipi ta' notifika: jew notifika bi prova tal-irċevuta mid-debitur (Art. 13) jew notifika mingħajr prova tal-irċevuta mid-debitur (Art. 14).

3.5.2.1.1. Notifika bi prova tal-irċevuta mid-debitur jew mir-rappreżentant tad-debitur

Il-metodi ta' notifika bi prova tal-irċevuta huma speċifikati fl-Artikolu 13. Lista kompleta ta' dawn il-metodi tinsab f'dan l-artikolu.

Fil-qosor, dawn il-metodi jippermettu:

- notifika personali b'rikonoxximent tal-irċevuta ffirmata mid-debitur;
- dikjarazzjoni mill-persuna kompetenti li għamlet in-notifika li d-debitur irċieva d-dokument jew irrifjuta li jirċievieha mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali;¹⁰
- notifika bil-posta kkonfermata b'rikonoxximent tal-irċevuta ffirmata mid-debitur;
- notifika elettronika b'rikonoxximent tal-irċevuta ffirmata mid-debitur.

⁹ Jekk in-notifika tkun teħtieġ li ssir fi Stat Membru ieħor, id-dokumenti għandhom jintbagħtu lil dak l-Istat Membru l-ieħor skont ir-regoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'oqsma ċivili jew kummerċjali (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

¹⁰ Ara b'mod partikolari d-dritt li n-notifika tkun rifjutata skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill 1393/2007.

3.5.2.1.2. Notifika mingħajr prova tal-irċevuta mid-debitur jew mir-rappreżentant tad-debitur

Id-debitur jista' wkoll ikun notifikat minn wieħed mill-metodi mingħajr prova tal-irċevuta speċifikati fl-Art. 14. Dawn il-metodi jistgħu jintużaw biss jekk l-indirizz tad-debitur ikun magħruf b'ċertezza. Jeskludu kull forma ta' notifika fittizja (eż. remise au parquet).

Fil-qosor, dawn il-metodi jippermettu:

- notifika fl-indirizz tad-debitur għal persuni li jgħixu fl-istess familja tad-debitur jew li jkunu impjegati hemmhekk. Fil-każ ta' persuna li taħdem għal rasha jew persuna ġuridika, in- notifika tista' wkoll ssir fil-post tax-xogħol tad-debitur għal persuni li jkunu impjegati mid-debitur.

F'dawn il-każijiet, in-notifika għandha tkun attestata:

- jew permezz ta' irċevuta ffirmata mill-persuna li tkun irċeviet innotifika; jew
- permezz ta' dokument iffirmat mill-persuna li għamlet in-notifika, li jindika l-metodu ta' notifika użata, id-data tan-notifika, u l-isem tal-persuna li rċeviet in-notifika kif ukoll ir-relazzjoni ta' din tal-aħħar fir-rigward tad-debitur.
- id-depożitu tad-dokument fil-kaxxa postali tad-debitur jew f'uffiċċju postali jew ma' awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

Fil-każ ta' depożitu fl-uffiċċju postali jew ma' awtoritajiet kompetenti, għandu jkun tqiegħed avvż bil-miktub tad-depożitu fil-kaxxa postali tad-debitur, fejn ikun iddikjarat b'mod ċar il-karattru tad-dokument

bħala dokument legali jew l-effett legali tal-avviż bħala li jwettaq notifika u jagħti bidu għall-kors taż-żmien għal skopijiet ta' termini ta' żmien.

F'dawn il-każijiet, in-notifika għandha tkun attestata minn dokument iffirmat mill-persuna li tkun għamlet in-notifika, li jindika l-metodu tan-notifika użata, id-data tan-notifika, u l-isem tal-persuna li tkun irċeviet in-notifika kif ukoll ir-relazzjoni ta' din tal-aħħar fir-rigward tad-debitur.

- notifika postali mingħajr prova tal-irċevuta fejn id-debitur ikollu l-indirizz tiegħu fl-Istat Membru fejn tkun qed tinstema' l-kawża; jew
- Mezz elettroniku attestat minn konferma awtomatika ta' konsenja, sakemm id-debitur ikun aċċetta b'mod espliċitu dan il-metodu ta' notifika bil-quddiem.

Jekk id-dokument li jagħti bidu għal proċedimenti jew kull taħrika għal smiġħ ġudizzjarju ma jkunx ingħata lid-debitur skont l-Art. 13 jew 14, il-qorti tista', iżda, tiċċertifika s-sentenza bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk ikun hemm prova mill-imġieba tad-debitur fil-proċedimenti tal-qorti li huwa jkun irċieva personalment id-dokument li kellu jkun notifikat fi żmien suffiċjenti biex jirranġa għad-difiża tiegħu (ara l-Art. 18(2)).

3.5.2.2. Informazzjoni obbligatorja dwar id-debitur

Id-debitur kellu jirċieva kif imiss l-informazzjoni preskritta fl-Art. 16 u 17, jiġifieri

3.5.2.2.1. Informazzjoni dovuta dwar it-talba (Art. 16)

Id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti fuq il-merti għandu jinkludi:

- l-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet;
- l-ammont tat-talba;
- jekk jintalab l-imgħax fuq it-talba, ir-rata ta' imgħax u l-perjodu li għalih jintalab l-imgħax, sakemm imgħax statutarju ma jiżdiedx awtomatikament mas-somma kapitali ewlenija skont il-liġi tal-Istat Membru li fih tingħata s-sentenza;
- dikjarazzjoni tal-mottiv tat-talba.

3.5.2.2.2. Informazzjoni dovuta dwar il-passi proċedurali meħtieġa biex tkun ikkontestata t-talba (Art. 17)

Barra minn hekk, id-debitur għandu jkun mgħarraf dwar liema passi proċedurali jeħtieġ li jieħu biex jikkontesta t-talba.

Dan it-tagħrif jista' jkun jinsab fid-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew f'dokument li jkun hemm miegħu. Jista' jkun ukoll f'kull taħrika sussegwenti għal smiġh ġudizzjarju.

Din l-informazzjoni għandha tinkludi:

- ir-rewiżiti proċedurali biex tkun ikkontestata t-talba, inkluż it-terminu ta' żmien biex it-talba tkun ikkontestata bil-miktub jew biex ikun ikkontestat iż-żmien għas-smiġh ġudizzjarju (kif applikabbli);
- l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li lilha wieħed għandu jwieġeb jew li quddiemha għandu jidher (kif applikabbli);

- jekk hux obligatorju jew le li wieħed ikun rappreżentat minn avukat;
- il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' oġġezzjoni jew tal-kontumacia, partikularment, fejn japplika, il-possibbiltà li tkun tista' tingħata jew tkun infurzata sentenza kontra d-debitur u r-responsabbiltà għal spejjeż relatati mal-proċedimenti tal-qorti.

Jekk id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew kull taħrika għal smiġh ġudizzjarju ma kinux notifikati lid-debitur skont l-Art. 13 u 14 u/ jew jekk id-debitur ma kienx mgħarraf skont l-Art. 16 u 17, nuqqas bħal dan ta' konformità mal-istandards minimi jista' jissewwa u l-qorti tista' tagħti tagħti Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk jiġri dan li ġej:

- Is-sentenza tkun notifikata lid-debitur b'konformità mar-rewiżiti skont l-Artikolu 13 jew 14; u
- Ikun possibbli għad-debitur li jikkontesta s-sentenza permezz ta' s'taħrik għal din u huwa jkun għe mgħarraf kif imiss fis-sentenza jew flimkien magħha bir-rewiżiti proċedurali għal kontestazzjoni bħal din, inkluż l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li lilha li magħha għandha tkun depożitata u, fejn japplika, it-terminu ta' żmien biex dan isir; u
- Id-debitur ikun naqas li jikkontesta s-sentenza b'konformità mar-rewiżiti proċedurali rilevanti.

3.5.2.3. S'taħrik f'każijiet eċċezzjonali (Art. 19)

Il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti li tkun tat is-sentenza għandha toffri lid-debitur id-dritt li japplika għal s'taħrik tas-sentenza meta:

- id-dokument li jagħti bidu għal proċedimenti jew dokument ekwivalenti jew, fejn japplika, it-taħrika għal smiġh ġudizzjarju, ikunu ġew notifikati permezz ta' wieħed mill-metodi msemmija fl-Artikolu 14; u
- in-notifika ma tkunx saret fi żmien suffiċjenti biex huwa jkun jista' jirranġa għad-difiża tiegħu, mingħajr ebda nuqqas jew tort min-naħa tiegħu; jew
- Id-debitur ma jkunx tħalla joġġezzjona għat-talba minħabba force majeure, jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr ebda nuqqas min-naħa tiegħu.

3.6. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar

Jekk partijiet biss mis-sentenza li għandha tkun iċċertifikata jissodisfaw ir-rekwiżiti għal ċertifikazzjoni kif stabbilit hawn fuq, il-qorti tista' toħroġ ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għal dawk il-partijiet biss (ara l-Art 8).

4. Rimedji possibbli/ difiżi għall-partijiet

4.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball

4.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat minħabba nuqqas ta' konformità mal-istandards minimi dwar in-notifika (Art. 18(1))

Jekk iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar kien rifjutat mill-qorti minħabba nuqqas ta' notifika kif imiss tad-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew kull taħrika għal smiġh ġudizzjarju skont l-Art. 13 jew 14 jew minħabba għoti mhux biżżejjed ta' tagħrif skont l-Art. 16 jew 17, dan in-nuqqas ta' konformità mal-istandards minimi jista' jissewwa u l-attur jista' jagħmel rikors ġdid għal Ordni Ewropew ta' Infurzar lill-qorti li tkun tat is-sentenza jekk jiġri dan li ġej:

- Is-sentenza tkun notifikata lid-debitur b'konformità mar-rekwiżiti skont l-Art. 13 jew 14; u
- Ikun possibbli għad-debitur li jikkontesta s-sentenza permezz ta' s'tħarriġ sħiħ u huwa jkun ġie mġarraf kif imiss fis-sentenza jew flimkien magħha bir-rekwiżiti proċedurali għal kontestazzjoni bħal din, inkluż l-isem u l-indirizz tal-istituzzjoni li magħha għandha tkun iddepożitata u, fejn japplika, it-terminu ta' żmien biex dan isir; u
- Id-debitur ikun naqas li jikkontesta s-sentenza b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali rilevanti.

Jekk dawn ir-reqwiziti jitħarsu, il-qorti tista' tagħti ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar.

4.1.2. Jekk iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat minħabba raġunijiet oħra

L-attur għandu żewġ għażliet:

- Jew li jappella kontra r-rifjut li tingħata Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk possibbiltà bħal din tkun teżisti fid-dritt nazzjonali;
- Jew li jsegwi l-infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor skont il-proċedura exequatur stabbilita mir-Regolament 44/2001.

4.1.3. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn is-sentenza u ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, l-attur jista' japplika lill-qorti li tkun tat iċ-ċertifikat u jitlob li ċ-ċertifikat ikun rettifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). L-attur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal rettifika bħal din hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar

Fil-prinċipju, ebda appell ma huwa possibbli kontra l-ħruġ ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 10(4)).

Madankollu, jeżistu l-possibiltajiet li ġejjin, fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru ta' infurzar.

4.2.1. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' oriġini

Id-debitur jista' jieħu l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza:

4.2.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn is-sentenza u ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun semgħet il-merti tat-talba għal rettifika taċ-ċertifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal din ir-rettifika hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar il-leġislazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkisek fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2.1.2. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun ingħata ħażin b'mod ċar

Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun ingħata kontra r-reqwiziti stabbiliti fir-Regolament, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun semgħet il-merti tat-talba u jitlob li ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun irtirat (ara l-Art. 10(1)(b)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal dan l-irtirar hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-

punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2.1.3. Jekk is-sentenza ma tkunx għadha infurzabbli jew jekk l-infurzabbiltà tagħha ġiet sospiża jew limitata

Jekk sentenza ma tkunx għadha infurzabbli jew l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet sospiża jew limitata skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ingħatat is-sentenza, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun tat is-sentenza għal ċertifikat u jindika n-nuqqas jew il-limitazzjoni tal-infurzabbiltà (ara l-Art. 6(2)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness IV.

4.2.1.4. Appell mis-sentenza

Id-debitur jista' jikkontesta s-sentenza fuq il-merti skont il-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza.

Jekk il-kontestazzjoni ma tirnax u s-sentenza fl-appell tkun infurzabbli, l-attur jista' jikseb ċertifikat ta' sostituzzjoni billi juża l-formola standard fl-Anness V (ara l-Art. 6(3)).

4.2.1.5. Stħarriġ f'każijiet eċċezzjonali

Id-debitur jista' jippreżenta stħarriġ speċjali kontra s-sentenza quddiem il-qorti kompetenti tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza fiċ-ċirkostanzi li ġejjin (ara l-Art. 19(1)):

- id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jew, fejn japplika, it-taħrika għal smigħ ġudizzjarju, ikunu ġew notifikati permezz ta' wieħed mill-metodi msemmija fl-Art. 14 ; u

- in notifika ma tkunx saret fi żmien suffiċjenti biex id-debitur ikun jista' jirringa għad-difiża tiegħu, mingħajr ebda nuqqas min-naħa tiegħu; jew
- Id-debitur ma tħallix joġġezzjona għat-talba minħabba force majeure jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr ebda nuqqas min-naħa tiegħu/tagħha.

Meta japplika għal dan l-istħarriġ speċjali, id-debitur għandu jaġixxi malajr.

Il-proċedura għal dan l-istħarriġ hija stabbilita fl-liġi proċedurali nazzjonali tal-Istat Membru fejn tkun ingħatat is-sentenza. L-informazzjoni kollha dwar il-proċeduri speċjali ta' stħarriġ skond l-Art. 19 tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'oqsma ċivili u kummerċjali (http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_mt.htm).

4.2.2. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' infurzar

Id-debitur jista' jieħu l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru ta' infurzar, għalkemm dawn il-possibiltajiet qatt ma jistgħu jwasslu għal stħarriġ fl-Istat Membru ta' infurzar tas-sentenza jew taċ-ċertifikazzjoni tagħha bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 21(2)).

4.2.2.1. Rifjut ta' infurzar

Id-debitur għandu l-possibiltà li japplika għal rifjut ta' infurzar tas-sentenza (ara l-Art. 21) jekk is-sentenza ċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza maħruġa qabel f'kull Stat Membru jew f'pajjiż terz, bil-kondizzjoni li:

- Is-sentenza ta' qabel kienet tinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u kienet bejn l-istess partijiet; u
- Is-sentenza ta' qabel ingħatat fl-Istat Membru ta' infurzar jew tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar; u
- L-irrikonċiljabbiltà ma kinitx tqajmet u ma setgħetx titqajjem bħala oġġezzjoni fil-proċedimenti tal-qorti fl-Istat Membru ta' oriġini.

4.2.2.2. Waqfien jew limitazzjoni tal-infurzar

Id-debitur jista' japplika għal sospensjoni jew limitazzjoni tal-infurzar tas-sentenza fiċ-ċirkostanzi li ġejjin (ara l-Art. 23):

- Id-debitur ikun ikkontesta sentenza ċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar, inkluża applikazzjoni għal sħarriġ skont it-tifsira tal-Art. 19; jew
- Id-debitur ikun applika għar-rettifika jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar skont l-Art. 10

F'dawn il-każijiet, il-Qorti jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' infurzar jistgħu

- jillimitaw il-proċeduri ta' infurzar għal miżuri ta' protezzjoni; jew
- ma jwettqux l-infurzar taħt kondizzjoni li tingħata dik il-garanzija skont kif huma jiddeċiedu; jew
- f'ċirkostanzi eċċezzjonali, iwaqqfu l-proċedimenti ta' infurzar.





► IV. ATTI PUBBLIĊI



Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' wkoll jinkiseb għall-infurzar fi Stat Membru ta' att pubbliku imħejji fi Stat Membru ieħor.

1. F'liema każijiet jista' l-kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar?

1.1. Talba għal flus

It-talba li hija s-suġġett tal-att pubbliku għandha tkun talba għal flus jew somma speċifika ta' flus dovuti (ara l-Art. 4(2)).

1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali

- It-talba għandha tikkonċerna qasam ċivili jew kummerċjali.

Dwar il-kunċett "Qasam ċivili jew kummerċjali", ara l-punt 1.4.2 hawn fuq.

- Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' ma jinkisibx fl-oqsma li ġejjin:
 - oqsma ta' dħul, dwana jew amministrazzjoni jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' awtorità tal-Istat ("acta iure imperii").
- Dawn l-oqsma mhumiex koperti mill-Art. 65 Trattat KE.
- l-istat jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi, drittijiet fil-proprjetà li jirriżultaw minn relazzjoni ta' żwieġ, wirt u suċċessjoni;

Ir-rikonoxximent jew l-infurzar ta' dawn l-oqsma jew ikunu koperti minn strumenti Komunitarji oħra eżistenti (ara, pereżempju, ir-

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri)¹¹ jew ma jkunux għadhom koperti mid-dritt Komunitarju.

- fallimenti, proċedimenti relatati mal-likwidazzjoni ta' kumpaniji falluti jew persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, kompożizzjonijiet u proċedimenti analogi;

Ir-rikonoxximent u l-infurzar f'oqsma ta' likwidazzjoni huma regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment.¹²

- sigurtà soċjali;

Dan il-qasam mhux ġeneralment kopert mill-Art. 65 tat-Trattat KE.

- u arbitraġġ.

Dan il-qasam mhux fil-preżent kopert mid-dritt Komunitarju.

1.3. Att pubbliku

Att pubbliku huwa (ara l-Art. 4(3)):

- Dokument li tħejja formalment jew li kien irreġistrat bħala att pubbliku u li l-awtentiċità tiegħu:
- tkun relatata mal-firma u l-kontenut tal-istrument; u

¹¹ Ġ.U. L 338, it-23 ta' Diċembru 2003, p. 1.

¹² Ġ.U. L 160, 30.6.2000, p. 1.

- tkun ġiet stabbilita minn awtorità pubblika jew minn awtorità b'setgħa għal dak il-fini mill-Istat Membru li fih toriġina;¹³

jew

- arranġament relatat ma' obbligi ta' manteniment mill-huq ma' awtoritajiet amministrattivi jew awtentikat minnhom.¹⁴

Ma hemm ebda rekwiżiti addizzjonali li jikkonċernaw il-kontenut jew il-forma tal-istrument biex ikun iċċertifikat bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar. B'mod partikolari, mhuwiex meħtieġ li l-istrument innifsu jsemmi li jkun se jiċċirkola bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar.

1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor

Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab għall-fini ta' infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor. Iżda dan ma jkunx meħtieġ biex juri element internazzjonali. B'mod partikolari, ma jkunx meħtieġ li waħda mill-partijiet tkun toqgħod jew tkun abitwalment residenti barra, u lanqas ma għandu jintwera li l-infurzar ikun jitwettagħ barra. Ċertament, fl-aħħar mill-aħħar iċ-ċertifikat ikun utli biss f'każ ta' infurzar fi Stat Membru ieħor.

¹³L-att pubbliku ikopri atti notarili kif huma magħrufin fl-Istati Membri li ġejjin: il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Ġreċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugal, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iskozja fir-Renju Unit.

¹⁴Dan il-punt jirreferi għall-arranġamenti relatati ma' obbligi ta' manutenzjoni konklużi ma' bordijiet ta' ħarsien soċjali Svediżi u Finlandiżi jew awtentikati minnhom.

2. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?

2.1. Quddiem liema awtorità

Iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għandu jintalab mingħand l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn ikun tħejja l-istrument. F'xi Stati Membri, l-awtorità kompetenti biex tagħti ċ-ċertifikat hija n-nutar li jkun ħejja l-att jew organizzazzjoni rappreżentattiva (eż. l-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Ġreċja, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, u Spanja). Fi Stati Membri oħra, l-awtorità kompetenti hija qorti (eż. l-Olanda, is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka).

Il-lista ta' awtoritajiet kompetenti tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew (http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_mt.htm).

2.2. Meta jista' jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar

L-Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab waqt li l-att pubbliku jkun qiegħed jiġi abbozzat jew f'kull żmien wara.

3. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni

Biex jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar, l-awtorità kompetenti għandha timla l-formola standard inkluża fl-Anness III mar-Regolament.

Meta tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha teżamina l-punti li ġejjin:

3.1. Ambitu

L-awtorità kompetenti għandha teżamina li:

3.1.1. It-talba tikkonċerna qasam ċivili u kummerċjali

Ara l-punt IV.1.2 hawn fuq

3.1.2. It-talba tkun għall-ħlas jew għal somma speċifika ta' flus dovuti

Ara l-punt IV.1.1 hawn fuq.

Iċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jkopri wkoll l-ammont ta' spejjeż relatati mal-abbozzar tal-istrument li jkunu inklużi fl-istrument (ara l-Art. 7).

3.1.3. Id-data tal-att pubbliku

Jekk l-istrument huwa jew kien abbozzat quddiem awtorità kompetenti fi Stat Membru ħlief ir-Rumanija u l-Bulgarija, huwa kellu jkun abbozzat fil-21 ta' Jannar 2005 jew wara. Jekk l-istrument kien abbozzat fir-Rumanija jew fil-Bulgarija, huwa kellu jkun abbozzat fl-1 ta' Jannar jew wara 2007.

3.2. L-att pubbliku ikun infurzabbli

L-att pubbliku li għandu jkun iċċertifikat bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar għandu jkun infurzabbli.

3.3. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar

Jekk partijiet biss mill-att li għandha jkun iċċertifikat jissodisfaw ir-rekwiżiti għal ċertifikazzjoni kif stabbilit hawn fuq, il-l-awtorità kompetenti tista' toħroġ ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għal dawk il-partijiet biss (ara l-Art 8).

4. Rimedji possibbli/ difiżi għall-partijiet

4.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball

4.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat

L-attur għandu żewġ għażliet:

- Jew li jappella kontra r-rifut li tingħata Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk possibbiltà bħal din tkun teżisti fid-dritt nazzjonali;
- Jew li jsegwi l-infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor skont il-proċedura exequatur stabbilita mir-Regolament 44/2001.

4.1.2. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn is-sentenza u ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, l-attur jista' japplika lill-qorti li tkun tat iċ-ċertifikat u jitlob li ċ-ċertifikat ikun rettifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). L-attur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal rettifika għal din hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar

Fil-prinċipju, ebda appell ma huwa possibbli kontra l-ħruġ ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 10(4)).

Madankollu, jeżistu l-possibiltajiet li ġejjin, fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru ta' infurzar:

4.2.1. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' oriġini

Id-debitur jista' jieħu l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru fejn l-att pubbliku jkuhn għe abbozzat:

4.2.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn is-sentenza u ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun semgħet il-merti tat-talba għal rettifika taċ-ċertifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). Id-debitur jista' juża l-formola

standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal din ir-rettifika hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar il-leġislazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf

4.2.1.2. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar kien inġhata ħażin b'mod ċar

Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun inġhata kontra r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun semgħet il-merti tat-talba u jitlob li ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun irtirat (ara l-Art. 10(1)(b)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal dan l-irtirar hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2.1.3. Jekk l-att pubbliku ma jkunx għadu infurzabbli jew l-infurzabbiltà tiegħu tkun għet sospiża jew limitata

Jekk l-att pubbliku ma jkunx għadu infurzabbli jew l-infurzabbiltà tiegħu tkun għet sospiża jew limitata skont il-liġi tal-Istat Membru fejn l-att kien abbozzat, id-debitur jista' japplika mal-awtorità kompetenti u jindika n-nuqqas jew il-limitazzjoni tal-infurzabbiltà (ara l-Art. 6(2)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness IV.

4.2.2. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' infurzar

Id-debitur jista' jiehfu l-azzjoni li ġejja fl-Istat Membru ta' infurzar:¹⁵

4.2.2.1. Waqfien jew limitazzjoni tal-infurzar

Id-debitur jista' japplika għal waqfien jew limitazzjoni tal-infurzar tal-att pubbliku fiċ-ċirkostanzi li ġejjin (ara l-Art. 23):

- Id-debitur ikkontesta strument ċertifikat bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar; jew Id-debitur ikun ikkontesta att iċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar; jew
- Id-debitur ikun applika għar-rettifika jew l-irtirar ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar skont l-Art. 10.

F'dawn il-każijiet, il-Qorti jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' infurzar jistgħu

- jillimitaw il-proċeduri ta' infurzar għal miżuri ta' protezzjoni; jew
- ma jwettqux l-infurzar taħt kondizzjoni li tingħata dik il-garanzija skont kif huma jiddeċiedu; jew
- f'ċirkostanzi eċċezzjonali, iwaqqfu l-proċedimenti ta' infurzar.

¹⁵Għandu jkun innutat li l-Art. 25(3) ma jagħmilx eċċezzjoni għall-applikazzjoni tal-Art. 21(2) fil-kuntest tal-infurzar ta' atti pubbliċi.

The image features a magnifying glass with a black frame, focusing on a document. The document has several lines of text, with some sections highlighted in red. The background is a collage of various shades of red and white. The text on the document is in a non-Latin script, possibly Cyrillic or Greek, and is partially obscured by the magnifying glass and the red highlights.

► V. TRANŻAZZJONIJIET ĠUDIZZJARJI

Kreditur jista' jitlob ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar fir-rigward ta' tranżazzjoni ġudizzjarja.

1. F'liema każijiet jista' l-kreditur jitlob Ordni Ewropew ta' Infurzar?

1.1. Talba għal flus

It-talba li tkun is-suġġett tat-tranżazzjoni għandha tkun talba għall-flus ta' somma speċifika ta' flus dovuti (ara l-Art. 4(2)).

1.2. Qasam ċivili jew kummerċjali

- It-talba għandha tikkonċerna qasam ċivili jew kummerċjali.

Dwar il-kunċett "qasam ċivili jew kummerċjali", ara l-punt I.4.2 hawn fuq.

- Ordni Ewropew ta' Infurzar ma jistax jinkiseb fl-oqsma li ġejjin:

- oqsma ta' dħul, dwana jew amministrazzjoni jew ir-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju ta' awtorità tal-Istat ("acta iure imperii").

Dawn l-oqsma mhumiex koperti mill-Art. 65 tat-Trattat KE.

- l-istat jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni fiżiċi, drittijiet ta' proprjetà li jirriżultaw minn relazzjoni ta' żwieġ, testmenti u suċċessjoni;

Ir-rikonossiment jew l-infurzar ta' dawn l-oqsma jew huma koperti minn strumenti Komunitarji oħra eżistenti (ara, pereżempju,

ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri)¹⁶ jew għadhom mhumiex koperti mid-dritt Komunitarju.

- fallimenti, proċeduri relatati għal-likwidazzjoni ta' kumpanniji falluti jew persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, kompożizzjonijiet u proċeduri analogi;

Ir-rikonossiment u l-infurzar f'oqsma ta' likwidazzjoni huma regolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 dwar proċedimenti ta' falliment.¹⁷

- sigurtà soċjali;

Dan il-qasam mhux ġeneralment kopert mill-Art. 65 tat-Trattat KE.

- u arbitraġġ.

Dan il-qasam mhux kopert fil-preżent mid-dritt Komunitarju.

1.3. Tranżazzjoni ġudizzjarja

Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji, jiġifieri tranżazzjoni li tkun ġiet approvata minn qorti jew konkluzja quddiem qorti matul proċedimenti (ara l-Artikolu 3(1)(a) u l-Artikolu 24).

¹⁶Ġ.U. L 338, 23.12.2003, p. 1.

¹⁷Ġ.U. L 160, 30.6.2000, p. 1.

Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab biss fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji approvati jew konklużi fl-21 ta' Jannar 2005 jew wara (fl-Istati Membri kollha ħlief għar-Rumanija u l-Bulgarija) jew fl-1 ta' Jannar 2007 (għar-Rumanija u l-Bulgarija).

1.4. Infurzar fi Stat Membru ieħor

Ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar jista' jintalab għall-fini ta' infurzar tas-sentenza fi Stat Membru ieħor. Iżda dan ma jkunx meħtieġ biex juri element internazzjonali. B'mod partikolari, ma jkunx meħtieġ li waħda mill-partijiet tkun toqgħod jew tkun abitwalment residenti barra, u lanqas ma għandu jintwera li l-infurzar ikun jitwettaq barra. Ċertament, fl-aħħar mill-aħħar iċ-ċertifikat ikun utli biss f'każ ta' infurzar fi Stat Membru ieħor.

2. Kif u meta għandu jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar?

2.1. Quddiem liema qorti

Talba għal Ordni Ewropew ta' Infurzar għandha tkun indirizzata lill-qorti li tkun approvat it-tranżazzjoni ġudizzjarja jew li quddiemha kienet konkluża.

2.2. Kif jista' jinkiseb iċ-ċertifikat

It-talba għandha ssir skont id-dritt nazzjonali tal-qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża.

2.3. Meta jista' jintalab Ordni Ewropew ta' Infurzar

It-talba tista' ssir f'kull waqt matul il-proċeduri tal-qorti jew wara l-approvazzjoni jew il-konklużjoni tat-tranżazzjoni ġudizzjarja.

3. Id-deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni

Biex jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar, il-qorti għandha timla l-formola standard inkluża fl-Anness II mar-Regolament.

Meta tagħmel dan, il-qorti għandha teżamina l-punti li hejjin:

3.1. Ambitu

Il-qorti għandha teżaminali

3.1.1. It-talba tikkonċerna qasam ċivili u kummerċjali

Ara l-punt V.1.2 hawn fuq

3.1.2. It-talba tkun għall-ħlas ta' somma speċifika ta' flus dovuti

Ara l-punt V.1.1 hawn fuq.

Iċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew tal-Infurzar jista' jkopri wkoll l-ammont ta' spejjeż relatati mal-proċedimenti tal-qorti li jkunuhuma inklużi fit-tranżazzjoni ġudizzjarja (ara l-Art. 7).

3.1.3. Id-data tat-tranżazzjoni ġudizzjarja

Jekk it-tranżazzjoni ġudizzjarja tkun jew kienet approvata jew konkluża quddiem qorti ta' Stat Membru ħlief għar-Rumanija u l-Bulgarija, hija jkollha tkun ġiet approvata jew konkluża fil-21 ta' Jannar 2005 jew wara. Jekk it-tranżazzjoni ġudizzjarja tkun jew kienet approvata jew konkluża quddiem qorti fir-Rumanija jew fil-Bulgarija, hija għandha tkun ġiet konkluża jew approvata fl-1 ta' Jannar 2007 jew wara.

3.2. It-tranżazzjoni ġudizzjarja tkun infurzabbli

It-tranżazzjoni ġudizzjarja li għandha tkun iċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar għandha tkun infurzabbli.

3.3. Ordni Ewropew Parzjali ta' Infurzar

Jekk partijiet biss mit-tranżazzjoni ġudizzjarja li għandha tkun iċċertifikata jissodisfaw ir-rekwiżiti għal ċertifikazzjoni kif stabbiliti hawn fuq, il-qorti tista' toħroġ ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar għal dawk il-partijiet biss (ara l-Art. 8).

4. Rimedji possibbli/ difiżi għall-partijiet

4.1. X'jista' jagħmel attur jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat jew ikun fih żball

4.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun rifjutat

L-attur għandu żewġ għażliet:

- Jew li jappella kontra r-rifut li jingħata Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk possibbiltà bħal din tkun teżisti fid-dritt nazzjonali;
- Jew li jsewgi l-infurzar tal-att pubbliku fi Stat Membru ieħor wara l-proċedura exequatur stabbilita fir-Regolament 44/2001.

4.1.2. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih żball

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn it-tranżazzjoni ġudizzjarja u ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, l-attur jista' japplika lill-qorti li tkun tat iċ-ċertifikat u jitlob rettifika taċ-ċertifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). L-attur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal din ir-rettifika hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjonid dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2. X'jista' jagħmel debitur jekk jinħareġ Ordni Ewropew ta' Infurzar

Fil-prinċipju, ebda appell ma huwa possibbli kontra l-ħruġ ta' ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar (ara l-Art. 10(4)).

Madankollu, jeżistu l-possibiltajiet li ġejjin, fl-Istat Membru ta' oriġini jew fl-Istat Membru ta' infurzar:

4.2.1. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' oriġini

Id-debitur jista' jieħu l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru fejn tkun ingħatat it-tranżazzjoni ġudizzjarja:

4.2.1.1. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun fih **żball**

Jekk ikun hemm diskrepanza bejn it-tranżazzjoni ġudizzjarja u ċ-ċertifikat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li tkun dovuta għal żball materjali, id-debitur jista' japplika lill-qorti li tkun approvat it-tranżazzjoni jew li quddiemha t-tranżazzjoni kienet konkluzja u jitlob rettifika taċ-ċertifikat (ara l-Art. 10(1)(a)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal din ir-rettifika hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dfwar dan il-punt tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf

4.2.1.2. Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar kien **ingħata ħażin b'mod ċar**

Jekk l-Ordni Ewropew ta' Infurzar ingħata bi ksur tar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, id-debitur jista' japplika lill-qorti li approvat it-tranżazzjoni jew li quddiemha kienet konkluzja t-tranżazzjoni u jitlob li ċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar ikun irtirat (ara l-Art. 10(1)(b)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness VI. Il-proċedura għal dan l-irtirar hija regolata mid-dritt nazzjonali. Informazzjoni dwar id-dritt nazzjonali fl-Istati Membri dwar dan il-punt tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/pdf/vers_consolide_eeo805_mt.pdf.

4.2.1.3. Jekk it-tranżazzjoni ġudizzjarja ma tkunx **għadha infurzabbli jew l-esegwibbiltà tagħha tkun ġiet sospiża jew limitata**

Jekk it-tranżazzjoni ma tkunx għadha infurzabbli jew l-infurzabbiltà tagħha tkun ġiet sospiża jew limitata skont id-dritt tal-Istat Membru fejn kienet approvata jew konkluzja, id-debitur jista' japplika lill-qorti li approvat it-tranżazzjoni jew li quddiemha t-tranżazzjoni kienet konkluzja għal ċertifikat u jindika n-nuqqas jew il-limitazzjoni tal-infurzabbiltà (ara l-Art. 6(2)). Id-debitur jista' juża l-formola standard stabbilita fl-Anness IV.

4.2.1.4. Appell kontra t-tranżazzjoni ġudizzjarja

Id-debitur jista' jikkontesta t-tranżazzjoni ġudizzjarja fuq il-merti skont il-liġijiet proċedurali nazzjonali tal-Istati Membri.

Jekk il-kontestazzjoni ma tirnax u s-sentenza fl-appell tkun infurzabbli, l-attur jista' jikseb ċertifikat ta' sostituzzjoni billi juża l-formola standard fl-Anness V (ara l-Art. 6(3)).

4.2.2. **X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru ta' infurzar**

Id-debitur jista' jieħ u l-azzjoni li ġejja fl-Istat Membru tal-infurzar:¹⁸

¹⁸Għandu jkun innutat li l-Art. 24(3) ma jagħmilx eċċezzjoni għall-applikazzjoni tal-Art. 21(2) fil-kontest tal-infurzar ta' tranżazzjonijiet ġudizzjarji.

4.2.2.1. Waqfien jew limitazzjoni tal-infurzar

Id-debitur jista' japplika għal waqfien jew limitazzjoni tal-infurzar ta' tranżazzjoni ġudizzjarja fiċ-ċirkostanzi li ġejjin (ara l-Art. 23):

- Id-debitur ikun ikkontesta t-tranżazzjoni ġudizzjarja ċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar; jew
- Id-debitur ikun applika għar-rettifika jew l-irtirar taċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar skont l-Art. 10.

F'dawn il-każijiet, il-Qorti jew l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tal-infurzar tista'

- tillimita l-proċeduri ta' infurzar għal miżuri ta' protezzjoni; jew
- ma jwettqux l-infurzar taħt kondizzjoni li tingħata dik il-garanzija skont kif huma jiddeċiedu; jew
- f'ċirkostanzi eċċezzjonali, iwaqqfu l-proċeduri ta' infurzar.

► VI. L-INFURZAR TA'
SENTENZA, ATT
PUBBLIKU JEW
TRANŻAZZJONI
ĠUDIZZJARJA
ĊĊERTIFIKATI
BĦALA ORDNI
EWROPEW TA'
INFURZAR

Malli l-attur jikseb sentenza, att pubbliku jew tranżazzjoni ġudizzjarja ċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar, huwa jista' japplika għal infurzar fl-Istat Membru ta' infurzar mingħajr il-ħtieġa li jikseb dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà f'dak l-Istat. Is-sentenza, it-tranżazzjoni ġudizzjarja jew l-att pubbliku ċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar huma trattati daqs li kieku kienu ngħataw fl-Istat Membru ta' infurzar u għandhom ikunu infurzati bl-istess mod ta' sentenza, tranżazzjoni ġudizzjarja jew att pubbliku "nazżjonali".

Il-proċedura għall-infurzar hija stabbilita fid-dritt nazżjonali tal-Istat Membru ta' infurzar, mingħajr preġudizzju għal dan li ġej:

1. Qorti jew awtorità kompetenti

L-attur għandu japplika għal infurzar lill-qorti jew lill-awtorità kompetenti għall-infurzar ta' sentenza, att pubbliku jew tranżazzjoni ġudizzjarja ċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar fl-Istat Membru ta' infurzar. Il-lista ta' qrati u awtoritajiet kompetenti tista' tinkiseb fis-sit web tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropw f'oqsma ċivili u kummerċjali (ara http://ec.europa.eu/civiljustice/enforce_judgement/enforce_judgement_gen_mt.htm).

2. Dokumenti li għandhom jinġiebu mill-attur

Biex fi Stat Membru jkun mitlub l-infurzar ta' sentenza, att pubbliku jew tranżazzjoni ġudizzjarja ċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar

fi Stat Membru ieħor, l-attur għandu jipproduċi d-dokumenti li ġejjin (ara l-Art. 20):

- kopja tas-sentenza, att pubbliku jew tranżazzjoni ġudizzjarja li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità tagħhom; u
- kopja taċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar li tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa biex tkun stabbilita l-awtentiċità iegħu; u
- fejn ikun meħtieġ, traskrizzjoni taċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar jew traduzzjoni tiegħu fl-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-infurzar jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, il-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-proċeduri tal-qorti tal-post fejn jintalab l-infurzar, b'konformità mad-dritt ta' dak l-Istat Membru, jew f'lingwa oħra li l-Istat Membru ta' infurzar ikun wera li jista' jaċċetta. It-traduzzjoni għandha tkun ċertifikata minn persuna kwalifikata biex tagħmel dan f'wieħed mill-Istati Membri.

Il-lista tal-lingwi aċċettati fl-Istati Membri għat-tlestija taċ-ċertifikat tista' tinkiseb mill-Atlas Ġudizzjarju Ewropew (http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/index_mt.htm).

3. Awtoritajiet ta' infurzar

L-awtoritajiet ta' infurzar għandhom jaraw jekk l-attur iġibx id-dokumenti meħtieġa għall-infurzar (ara l-punt VI.2 fuq).

Jekk jinġiebu d-dokumenti meħtieġa, is-sentenza, l-att pubbliku jew it-tranżazzjoni ġudizzjarja ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar għandhom ikunu infurzati skont l-istess kondizzjonijiet tas-sentenza, tal-att pubbliku jew tat-tranżazzjoni ġudizzjarja mogħtija fl-Istat Membru ta' infurzar. B'mod partikolari:

- is-sustanza jew iċ-ċertifikazzjoni bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar jistgħu ma jkunx mistħarrġa fl-Istat Membru tal-infurzar (ara l-Art. 21(2));
- ebda garanzija, obbligu jew depożitu, ta' kull deskrizzjoni, ma jistgħu jintalbu mill-attur abbażi li huwa/hija jkunu ċittadini barrani jew li huwa/hija ma jkunx domiċiljati jew residenti fl-Istat Membru ta' infurzar.

4. Limitazzjonijiet fuq l-infurzar

L-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar:

- għandhom jirrifjutaw l-infurzar tas-sentenza ċċertifikata bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk, wara applikazzjoni mid-debitur, iqsu li s-sentenza hija irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija qabel f'kull Stat Membru jew f'pajjiż terz skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti II.5.2.2.1 jew III.4.2.2.1 kif applikabbli;

- jistgħu jwaqqfu jew jillimitaw l-infurzar tas-sentenza, l-att pubbliku jew it-tranżazzjoni ġudizzjarja ċċertifikati bħala Ordni Ewropew ta' Infurzar jekk id-debitur ikun ikkontesta s-sentenza, l-att jew it-tranżazzjoni jew ikun applika għal rettifika jew irtirar taċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropew ta' Infurzar skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti II.5.2.2.2, III.4.2.2.2, IV.4.2.2.1 jew V.4.2.2.1 kif applikabbli.

Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, il-motivi ta' rifjut jew ta' sospenzjoni tal-infurzar skont id-dritt nazzjonali jibqgħu japplikaw. Pereżempju, id-debitur jista' jopponi l-infurzar abbażi li d-dejn ikun diġà tħallas.



ANNESS 1: MATRIĊI TA' DEĊIŻJONI GĦALL-QORTI

■ 1. It-talba għal Ordni Ewropew ta' Infurzar tikkonċerna sentenza infurzabbli mogħtija fil-21 ta' Jannar 2005 jew wara (għal RO, BU: l-1 ta' Jannar 2007)?



■ 2. It-talba tikkonċerna qasam ċivili jew kummerċjali?




■ 3. Is-sentenza tikkonċerna talba mhux ikkontestata għall-ħlas ta' somma speċifika ta' flus dovuti?



■ 4. Is-sentenza tirrispetta r-regoli ta' ġurisdizzjoni stabbiliti fit-Taqsimiet 2 u 6 tal-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 44/2001



■ 5. It-talba tikkonċerna sentenza fejn it-talba ma jkunx qabel magħha espressament id-debitur (e.ż. sentenza fil-kontumaċja, ordni ta' ħlas)?



■ 6. It-talba tikkonċerna kuntratt konkluż minn konsumatur u l-konsumatur huwa d-debitur?

IVA

LE

■ 8. Id-dokument li jagħti bidu għall-proċedimenti jew għal kull taħrika għal smiġh ġudizzjarju kien notifikat lid-debitur skont l-Artikoli 13 jew 14 tar-Regolament?

IVA

LE

għarraf lill-attur li nuqqas f'notifika jista' jissewwa (Art. 18).

■ 7. Id-debitur kien domiċiljat fl-Istat Membru ta' oriġini fiż-żmien meta nbdew il-proċedimenti?

IVA

LE

irrifjuta l-ħruġ ta' EEO minħabba li sentenza kontra konsumatur tista' biss tkun iċċertifikata bħala EEO jekk tkun ingħatat fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur.

■ 9. Id-debitur kien mgħarraf kif imiss bl-ismijiet u l-indirizzi tal-partijiet, bl-ammont tat-talba, bl-imgħax, bil-mottivi tat-talba u bil-passi proċedurali neċessarji biex it-talba tkun ikkontestata?

IVA

LE

għarraf lill-attur li informazzjoni nieqsa tista' tisewwa (Art. 18).

■ 10. L-Istat Membru ta' oriġini qiegħed joffri lid-debitur id-dritt li japplika għal sħarriġ tas-sentenza fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 19 tar-Regolament?

IVA

LE

oħroġ EEO.

irrifjuta l-ħruġ ta' EEO minħabba li d-dritt nazzjonali mhux konformi mal-istandards minimi tar-Regolament.

ANNEX 2: HARSJA ĠENERALI LEJN IL-PROĊEDURA TA' EEO

1.

Il-kreditur japplika

- » Għall-qorti ta' oriġini
- » Għal ċertifikazzjoni bħala EEO ta'
- » Sentenza fuq talba mhux ikkontestata, tranżazzjoni ġudizzjarja jew att pubbliku



2.

Il-qorti toħroġ iċ-ċertifikat tal-EEO

- » BI-użu tal-formola standard (l-Anness I)
- » Jekk il-kondizzjonijiet skont ir-Regolament jitħarsu



3.

Il-kreditur jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti ta' infurzar tal-Istat Membru tal-infurzar bi:

- » Kopja tas-sentenza, tat-tranżazzjoni ġudizzjarja jew tal-att pubbliku
- » Kopja taċ-ċertifikat EEO; u
- » Fejn meħtieġ, traskrizzjoni taċ-ċertifikat EEO jew traduzzjoni tiegħu



4.

Awtoritajiet kompetenti ta' infurzar tal-Istat Membru ta' infurzar

- » Jinfurzaw EEO taħt l-istess kondizzjonijiet bħal sentenza ta' Stat Membru ta' infurzar



Ritratti

p.6: Jokerproduction | Dreamstime.com

p.12: Evgeniy_p | Dreamstime.com

p.24: Kmitu | Dreamstime.com

p.36: Johneubanks | Dreamstime.com

p.42: Szpytma | Dreamstime.com

p.48: Absolut_photos | Dreamstime.com



GWIDA TA' PRATTIKA GĦALL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR L-ORDNI EWROPEW TA' INFURZAR

Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati, Ġ.U. L 143, 30.4.2004, p. 15

Dan id-dokument tfassal mis-Servizzi tal-Kummissjoni b'konsultazzjoni man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-Oqsma Ċivili u Kummerċjali (<http://ec.europa.eu.int/civiljustice>)

Il-kontenut ta' din il-gwida huwa bla ħsara għall-interpretazzjoni legali tar-Regolament 805/2004 mill-Qorti tal-Ġustizzja.


© Kommunitajiet Ewropej, 2008

Riproduzzjoni awtorizzata sakemm jissemma' s-sors.

Stampat fil-Belġju, Novembru 2008

Stampat fuq karta bajda mingħajr kloru





Kuntatt

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja,
il-Libertà u s-Sigurtà
Network ġudizzjarju ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali
Rue du Luxembourg, 46
B-1000 Bruxelles

<http://ec.europa.eu/civiljustice/>